**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 49, 50, 226(1) u 289 tal-Kapitolu 9,**
**Artikolu 7 (1) ta' l-Att 27/2000 tal-Kapitolu 24; u**
**Artikolu 15 (1 (2) (i) (ii) (iii) (iv) (v) (vi) tal-Avviz Legali 36/2003**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**JASON ZAMMIT**
**(I.D. 557874M)**

**Kump. Nru.: 820/2008**

**Illum 12 ta' Jannar, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JASON ZAMMIT** ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Anthony u Annunzjata nee' Agius, imwieled Pieta' fit-22 ta' Novembru, 1974 u residenti gewwa St. Anthony House, Tal-Barrani Road, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 557874(M), gie mressaq quddiemha u:

1. Akkuzat talli fis-17 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-10.15a.m. fi Triq in-Naxxar, San Gwann fil-kapacita' tieghu ta' sewwieq tal-krejn bin-numru tar-registrazzjoni DAA 574, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila u arti fil-professjoni tieghu kkaguna feriti gravi fuq Ronnie Spiteri u Stephen Azzopardi u dan ai termini tal-Art. 226(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolement prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap. 424.

3. U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kif ghandu jkun id-dmir tieghu bhala haddiem naqas milli jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurta' tieghu stess kif ukoll ta' dawk ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew bix-xoghol tieghu skond it-tahrig u struzzjonijiet moghtija minn min ihaddem, jaghmel uzu korrett tat-taghmir tat-trasport, jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali, ma jnehhix mezzi ta' sigurta' uzati ma' makkinarju u juza dawn il-mezzi b'mod korrett, jinforma lil min ihaddem b'sitwazzjonijiet li jipperikolaw is-sahha u s-sigurta', jikkopera ma' min ihaddem sabiex sakemm ix-xoghol jitlesta tigi protetta s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u

tikkopera ma' min ihaddem sabiex jizgura li l-ambjent tax-xoghol ikun minghajr periklu u ma jpoggix ebda riskju ghas-sahha u s-sigurta' u dan ai termini tal-artikoli 15(1)(2)(i)(ii)(iii)(iv)(v)(vi) tal-A. L. 36/03.

4. Fl-ahhar akkuzat ukoll talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. BS1 li jinsab a fol. 4, fedina penali mmarkata bhala Dok. BS2 a fol. 5 et seq. u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Settembru, 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. BS3 li jinsab a fol. 15 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim' Imhallef.

Illi nhar l-10 ta' Ottubru, 2008 xehed l-**Ispettur Bernard C. Spiteri** u spjega li nhar is-17 ta' Frar, 2006 u dana ghal habta tal-10.15 ta' filghodu l-Pulizija ta' San Giljan kienu rcevew rapport illi gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann precizament quddiem il-knisja kien hemm zewg persuni li kienu qeghdin iwahhlu *poster* tal-BOV fuq *billboard,* gholi ta' madwar sular u nofs. Dawn kienu qeghdin gewwa *crane* u

waqghu ghal isfel. Spjega illi l-Pulizija kienu marru fuq il-post u sabu zewg persuni, precizament lil Ronnie Spiteri ta' 34 sena bil-karta ta' identita' numru 211371M u Stephen Azzopardi ta' 39 sena b'karta ta' identita' numru 154067M. Dawn kienu maqbudin gol-gagga u kienu feruti. Aktar tard dawn kienu certifikati bhala li kienu qed isofru minn griehi ta' natura gravi. Zied jghid illi mill-istharrig li ghamlet il-Pulizija kien irrizulta illi din il-gagga kienet imdendla minn gaffa bin-numru ta' registrazzjoni DAA – 574, tal-ghamla Coles proprjeta' ta' Rock-A-Go. Dina kienet qeghda tigi misjuqa u mhaddma minn certu Jason Zammit bil-karta ta' identita numru 557874M.

Fuq il-post issejhu l-membri tal-protezzjoni civili li qalghu lil dawn iz-zewg persuni, cioe' lil Ronnie Spiteri u lil Stephen Azzopardi, minn gol-gagga u dawn imbaghad ittiehdu l-isptar. Fuq il-post ukoll issejhu wkoll il-membri tal-Health and Safety u precizament l-Inginier Vince Attard u David Saliba li bdew jinvestigaw il-kaz min-naha taghhom. Spjega illi l-Magistrat tal-Ghassa ta' dakinhar, Dr Abigail Lofaro giet infurmata bl-akkadut mill-Pulizija u ordnat inkjesta Magisterjali u hatret diversi esperti.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li kien l-Ispettur ta' qablu l-Ispettur Carmelo Abdilla li kien kellem lil Jason Zammit u mhux hu. Kien l-istess Spettur Carmelo Abdilla li kien ghamel l-investigazzjonijiet ta' dan il-kaz. Illum l-Ispettur Carmelo Abdilla m'ghadux fil-Korp tal-Pulizija.

Illi nhar it-13 ta' Frar, 2009 rega' xehed l-**Ispettur Bernard C. Spiteri** u esebixxa bhala Dok. BCP 1 stqarrija ta' Jason Zammit datata 17 ta' Frar, 2006.

Illi fit-13 ta' Frar 2009 xehed **Robert Bugeja** ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti u esebixxa Nota tal-Avukat Generali, Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Proces' Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli fil-5 ta' Ottubru, 2007. Dawn gew esebiti bhala Dok. RB1.

Illi nhar it-13 ta' Frar, 2009 xehed **David Saliba** fil-kapacita' tieghu ta' Kap tat-Taqsima Teknika fl-Awtorita tas-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol. Ftakar li fis-17 ta' Frar, 2006 huwa kien gie msejjah fuq incident li sehh gewwa San Gwann faccata tal-Knisja. Kien gie rappurtat lilhom li zewg haddiema li kienu merfuhha go gagga li kienet marbuta ma' *crane,* kienu waqghu u garrbu xi griehi ta' natura gravi. Meta acceda fuq il-post innota li kien hemm *crane* bin-numru ta' registrazzjoni DAA – 574, liema *crane* kien misjuq mill-imputat Jason Zammit, li x-xhud gharaf bhala l-imputat in Awla u staqsewh x'kien gara. Dan kien qalilhom li waqt illi kien qieghed jerfa' lin-nies fil-gagga li kienet marbuta mal-*crane* 'il fuq, ghal xi raguni jew ohra din kienet waqghet bin-nies b' kollox. Spjega illi x-xoghol kien propju illi fil-post kien hemm *bill board* gholi madwar tliet sulari u dawn kienu inkarigati minn kumpanija ohra sabiex jibdlu l-*poster* tal-faccata. Sussegwentement dawn iz-zewg haddiema kienu ikkuntatjaw

lil Roc-A-Go li kienu jissuplixxu l-*crane* u l-*crane driver* biex ikunu jistghu itellghuhom 'il fuq halli jibdlu dan il-*poster*.

Spjegalhom li gara illi meta kienu ramaw il-*crane* ghal xi raguni jew ohra l-gagga li kienet marbuta mal-ganc kienet harget mill-istess. Ix-xhud zied jghid illi fuq il-post huwa kien ikkonstata li kien ra l-gagga mitfugha gol-ghalqa ftit metri 'l boghod u z-zewg haddiema li kienu weggghu ma kienux fuq il-post ghax kienu ttiehdu lejn l-isptar. Irrizultalu li dawn kienu certu Ronnie Spiteri kif ukoll Stephen Azzopardi.

Spjega illi huwa kien osserva fuq il-*crane* illi l-ganc li kienet marbuta mieghu il-gagga li fiha kienu dawn in-nies, ma kienx hemm dak li jghidulu l-kejl jew is-*safety latch*. Din is-*safety latch* hija molla b'bicca hadida apposta li ma thallix jew ma tippermettiex li l-holqa li tkun marbuta maghha tohrog minn mal-ganc. Irrizulta wkoll, u dan meta kellem lil Ronnie Spiteri u lil Stephen Azzopardi, li waqt li kien qed itella' l-gagga bin-nies go fiha, l-imputat kien fuq il-*mobile* u kien qed jitkellem, u baqa' jtella' l-gagga ghal mac-*chip* tal-*crane*.

Zied jghid li u l-kollega tieghu David Sammut kien ha ritratt tal-ganc, ghalkezz zied illi hu perswaz li hemm xi ritratti li ttiehdu mill-espert tal-fotografija li kien hemm inkjesta. Qal li l-ganc kien baqa' tiela' u habat mal-*Jib* u sussegwentement il-holqa li kienet izzomm il-gagga inbezqet. Irrizulta wkoll illi dawn kienu waqghu madwar zewg sulari u nofs, tliet sulari. Stante illi l-Pulizija kienu kellmu lil Jason Zammit u stante li kien hemm Inkjesta, huwa u l-Awtorita' tas-Sahha u Sigurta

fuq il-post tax-xoghol ma kienux baghtu ghal Jason Zammit pero' kienu hadu l-verzjonijiet ta' Ronald Spiteri u ta' Stephen Azzopardi.

Sussegwentement huma bhala Awtorita' tas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol kienu rrakomandaw li jittiehdu proceduri kontra Jason Zammit li fil-fatt huma il-proceduri odjerni. Inoltre ddikjara li hemm proceduri wkoll fil-konfront ta' terzi persuni u cioe' Roc- A- Go, l-*employer* ta' Jason Zammit, liema proceduri qed jinstemghu quddiem Qorti ohra. Ix-xhud gie mistoqsi dwar jekk sabx xi *safety catch* fil-vicinanza tal-*crane*, u spjega li ghalkemm fittxew ghal dan is-*safety catch* pero' dan ma nstab imkien.

Spjega illi idejalment meta jkollok *crane* illi huwa intiz biex itella' n-nies, dana ikun mghammar b'dak li jghidulu *anti tube block warning device* jew inkella *anti tube block cut out.* Jigifieri meta inti ghandek in-nies qed jittellghu permezz ta' gagga biex jaghmlu xi xoghol, appena n-nies, il-gagga u l-ganc joqorbu lejn il-*Jib*, dan ikollu *cut out switch* li awtomatikament ma jhallix lill-operatur tal-*crane* ikompli jtella' u jkun hemm dak l-impatt li sussegwentement jaghti dak il-*jerk* lill-haddiema li jkunu qed jahdmu. Dan il-*crane* ma jirrizultax illi kellu dan il-mekkanizmu. Spjega ukoll illi l-Awtorita' kienet talbet biex jigi certifikat dan il-*crane* u sussegwentement dan il-*crane* kien twaqqaf milli jintuza sakemm jigi pprezentat dan ic-certifikat. Dan ic-certifikat kien sar mill-Inginier Mario Magri u gie prezentat lill-Awtorita fl-1 ta' Marzu 2006.

Osserva li fic-certifikat tal-Inginier hemm erba' rimarki li kienu ta' interess partikolari ghall-Awtorita' illi l-*four out triggers* tal-*crane* kienu fuq *extension* li f' dan il-kaz kienu, illi *only trained staff should operate the crane* u hawnhekk Jason Zammit irrizultalhom li kellu esperjenza biex ihaddem il-*crane* u osservazzjoni ohra *the load metre is not installed*, illi dan suppost ikollu *load metre* biex ma jeccedix il-*load* li il-*crane* jista' jerfa'. F'dan il-kaz ma kienx necessarju. Pero' fuq l-istess certifikat hemm ukoll illi l-gagga li tista' tintuza biex ittella' n-nies ghandha miktub *cage to be loaded with a maximum of two person with a total weight on the cage platform should not exceed 180Kg*. Spjega li minn dan kollu jirrizulta illi l-*crane* kien funzjonabbli tajjeb ghajr dawn iz-zewg *safety devices* illi ma kellux.

Il-funzjoni tas-*safety catch* hija li meta inti qed itella' *load* jew persuna fil-gholi u din tavvicina certa distanza minn mal-JIB, din awtomatikament taqta' wahedha. Dan huwa l-ewwel *device*. *Device* iehor illi ghandu jkollu, u anke jekk ma jkollokx l-ewwel *device* it-tieni *device* huwa iktar elementary, huwa s-*safety catch*. Is-*safety catch* hija molla, sempliciment molla b'bicca hadida illi qeghda mal-ganc, dak li jghidulu l-ilsien jew kif jghidulu fit-triq, il-kejl. L-ilsien huwa l-ilsien fuq il-ganc biex il-holqa tal-gagga ma tohrogx minn gol-ganc. Qal li f'dan il-kaz dan is-safety *catch* ma jidhirx illi kien hemmhekk ghaliex ma nstabx u li kieku kien hemmhekk ma kinitx tohrog il-Gagga.

*Il-Crane* kien tar-Roc – A – Go. Irrizulta illi Jason Zammit huwa l-*crane driver* u l-*crane operator* dakinhar tal-incident. Zammit huwa

impjegat mar-Roc-A-Go waqt li l-haddiema li weggghu mhumiex impjegati ta' Roc-A-Go imma mpjegati ta' kumpanija ohra.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi mill-Avukat tad-Difiza jekk l-awtorita' kinitx talbet ghal certifikat dwar il-*crane* u lil min dan intalab. Ix-xhud wiegeb li l-Awtorita' ghandha l-poteri moghtija lilha bil-ligi sabiex titlob lil kwalunkwe persuna li jidhrilha hi biex tikkommisjona certifikati jew dawk id-dokumenti li jkollha bzonn. F' dan il-kaz kellhom bzonn certifikat minghand Inginier u tar- Roc-A-Go kien ikkummisjona lill-Inginier Mario Magri biex jaghmel dan ic-ceritifikat, li kien ghadu kemm qara siltiet minnu.

Fuq domanda tad-Difiza x-xhud iddikjara li huwa in rapprezentanza tal-Awtorita' kellem liz-zewg vittmi ta' dan l-incident biss. Huwa ddikjara li ma kellem l-ebda persuna minn tar-Roc-A-Go. Meta gie mistoqsi jekk l-Awtorita' hiex bi hsiebha tiehu xi passi Kriminali kontra terzi persuni, ix-xhud iddikjara li ser jittiehdu passi fil-fatt kontra d-Direttur tar-Roc-A-Go. Ma jeskludiex li jittiehdu passi wkoll kontra l-*employers* ta' dawn iz-zewg haddiema li weggghu. Mill-investigazzjoni taghhom irrizultalhom li l-gagga per se ma kienx fiha xi nuqqassijiet li setghu ikkontribwixxew ghal dan l-incident.

Illi nhar l-24 ta' Mejju, 2016 xehed **David Saliba** in kontro-ezami u spjega li huwa ma ghamel l-ebda rapport intern perwss li huwa ta x-xhieda tieghu viva voce. Spjega illi f'dan il-kaz kien hemm diversi fatturi ghaliex effettivament il-ganc inqala'. Spjega li l-ganc ta' *crane* jew *high up* ikollu *safety latch* u dan sabiex dak li jkollu marbut

mieghu ma johrogx. Qal li effettivament *safety latch* ma kienx hemm, kien hemm biss il-holqa. Inoltre zied li huwa rikjest li jkun hemm certi prekawzjonijiet, per ezempju jkun hemm hoss illi l-gagga tkun qed tavvicina t-tip tal-*crane,* u dan sabiex l-*operator* ikun attent li wasal fid-destinazzjoni tieghu.

Spjega wkoll illi l-haddiema ma kellhomx *safety harness,* wiehed ma libsux u l-iehor ma nghatalux. Qal li d-dinaminka kienet billi l-*jib* tal-*crane* ghola, tella' l-gagga fejn kien hemm zewg (2) haddiema, l-operatur baqa' jtella' l-gagga, il-massa tal-hadid li jkun hemm qabel il-ganc habat mat-tarf tal-*crane* b'tisbita, l-gagga nqaghlat peress li ma kienx hemm *safety latch* u waqghat bin-nies li kien hemm go fiha. Naturalment dan kollu rrizultalu mill-investigazzjoni li ghamel. Ma rrizultalux li kien il-leaver tal-*crane* li wehel u ta lok ghall-incident. Qal li l-Awtorita' ma taghmilx investigazzjoni fuq il-*crane,* izda ordnat Mechanical Engineer sabiex jiccertifika l-operat tieghu u filfatt dan sar. Zied li effettivament il-*crane* kien gie ccertifikat u ghalhekk kieku kien hemm xi problema mekkanika ma kienx jigi ccertifikat kif gie. Qal ukoll li ghalkemm l-Awtorita' OHSA tista' taghmel kwalunkwe investigazzjoni, pero' ma hassitx il-htiega li kellha taghmel hekk.

Irrepeta dak li kien qal fix-xhieda tieghu precedent (fol. 34), u cioe' li *audible device* ma kienx hemm fuq dan il-*crane*.

Spjega li hu ilu jahdem mal-OHSA ghal dawn l-ahhar tnax (12)-il sena u ghalhekk l-esperjenza li ghandu akkumulaha minn hemm.

Mistoqsi kif allura l-operatur ta' *crane* jinduna meta jkun wasal fit-tarf meta ma jkollux dan l-*audible device,* wiegeb illi m'ghandux itella' nies. Fil-fehma tieghu hija r-responsabbilita' tal-operatur u ta' sid il-crane li dawn id-*devices* ikunu jahdmu.

Il-*crane* huwa ddisinjat biex jerfa' l-*loads* u ghalkemm hawn Malta jittellghu n-nies bil-cran, fil-fatt dan hu pprojbit skont il-*manuals* tal-*crane*. Zied li pero' jekk inti ha ttella' bniedem bil-*crane* trid tiehu certi mizuri, fosthom li tuza gagga sabiex dawn ikunu marbuta b'*independent line* mal-*hook* u li l-gagga tkun certifikata li tiehu certu *load*. Dawn ma johorgux mill-*manual* tal-*crane* pero' johorgu minn *risk assessment* li jsir minn persuna kompetenti li jissuggerixxi *safer method* sabiex jintuza dak l-apparat. Ir-*risk assessment* in kwistjoni jsir mill-*employer*.

Mistoqsi jekk effettivament fin-nuqqas ta' *risk assessment* il-*crane* kellux jigi operat, stqarr li ma jafx jekk kienx hemm xi *risk assessment* f'dan il-kaz. Spjega li l-artiklu 10(1) tal-A. L. 36/2003 jghid: "*A written risk assessment should be conducted when you're employing more than five (5) people.*" Cio' nonostante *risk assessement* ghandu jsir dejjem u dan isir kull hin minn kulhadd bla ma jkun jaf.

Mistoqsi ghaliex l-Awtorita' riedet tara jekk il-*crane* kienx certifikat spjega li dan ghamlitu peress illi l-*crane* kien involut fl-incident u hija l-prassi normali minkejja li jkun hemm certifikat li jkun ghadu in vigore illi jitolbu illi jigi ezaminat minn *mechanical engineer* u dan

jerga' jigi ccertifikat. Imbaghad raw li s-*safety catch* gie mwahhal mal-*crane* u kien ghalhekk li huma taw ic-certifikazzjoni tieghu.

Ikkonferma mill-file li l-incident sehh fis-sbatax (17) ta' Frar, 2006. Spjega li bhala procedura huma johorgu *stop order* b'mod verbali biex il-makkinarju li jkun involut f'incident ma jintuzax u jaraw x'ikun jirrikjedi. F'dan il-kaz il-crane kellu bzonn jigi ezaminat minn inginier. Fl-ewwel (1) ta' Marzu 2006 harget ic-certifikat u huma taw *release* u rega' beda jintuza.

Zied jghid li qabel l-incident huma ma kienu talbu xejn mill-operatur ta' dan il-*crane*. Qal li mhux kull min ghandu *crane* jew makkinarju huwa obbligat li jibghat dan ic-certifikat lill-Awtorita', sta ghalih li jaghmel dan, pero' m'hemm l-ebda obbligu mpost fuqu mil-ligi. Sostna li naturalment kieku kien hemm xi nuqqas ma kinux jaghtu r-*release* u jnehhu *stop order*. Ix-xhud ma esebiex kopja ghax ma hassx li kien hemm bzonn u qatt ma gie mistoqsi biex jaghmel dan. Zied li huma jistriehu purament fuq il-konkluzjoni tac-certifikat, u ma jistghux jaraw jekk effettivament il-*crane* kellux xi nuqqasijiet meta sehh l-incident. Naturalment jekk huma jkunu jafu li hemm xi nuqqas fuq il-*crane* tkun responsabbilita' taghhom u n-nuqqas taghhom li ma qalulux qabel.

Qal li huma kienu talbu c-certifikat li kien hemm meta kien validu dak iz-zmien. Mistoqsi jekk irrizultax kienx hemm differenza bejn l-ewwel u t-tieni certifikat, ma setax jghid, pero' zied li jista' jkun li hekk kien hemm xi nuqqasijiet dawn setghu gew rimedjati qabel ma

gie pprezentat it-tieni certifikat u c-certifikat ta' Mario Magri kien *conclusive proof of its contents*.

Mistoqsi jekk ittiehdux xi passi fil-konfront ta' sid il-*crane* ma setax jghid. Qal li l-investigazzjoni tmexxiet minnu flimkien ma' pulizija u dana a tenur tal-artiklu 38(5) tal-Ordinanza dwar Health and Safety.

Illi nhar it-12 ta' Mejju, 2009 xehed **Ronnie Spiteri** u spjega illi fis-17 ta' Frar, 2006 huwa kien inkarigat mill-imghallmin tieghu biex iwahhal xi *posters*. Mieghu kien hemm habib tieghu Stephen Azzopardi u dawn il-*posters* kienu kollha ha jitwahhlu bil-*crane*. L-imghallmin huma Casa Limited u d-Diretturi taghha huma Paul Zammit u Jonathan Zammit. Spjega li huma tqabbdu minn dawn il-persuni. L-ewwel *billboard* li kellhom iwahhlu kien lejn iz-zona ta' Santa Venera. Huwa u Stephen Azzopardi waslu fuq il-post l-ewwel u mbaghad mar il-*warden* biex jaghlaq it-triq u wara mar il-*crane* ta' Roc A Go. Spjega li l-*operator* ta' dan il-*crane* kien Jason Zammit li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Spjega li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien mar maghhom.

Spjega li kif lestew din il-*billboard* taz-zona ta' Santa Venera marru biex iwahhlu *billboard* hdejn il-Knisja ta' San Gwann. Kienu l-istess nies, inkluz l-imputat bhala operatur tal-*crane* u l-warden. Huma waslu qabel il-*crane*. Il-Warden beda jaghlaq it-triq. Il-post fejn kellhom iwahhlu l-*billboard* kien ezatt quddiem il-knisjat ta' San

Gwann. Imbaghad wasa il-*crane* u l-imputat beda jiftah is-saqajn tal-*crane* bil-procedura normali.

Zied jispjega li huma assistew lill-imputat biex jaqla' il-ganc ghal mal-*crane* fis-sens illi l-ganc kien qieghed imwahhal mal-*bumper* u huma ghenuh biex huwa jkun jista' jaqla' il-ganc minn mal-*bumper* ghaliex dan l-imputat wahdu ma setax jaghmlu. Imbaghad l-imputat qabbad il-gagga. Spjega li din hija gagga tal-hadid u mqabbdibn maghha kien hemm erba' *cables* hoxnin li kollha jaqbdu go holqa wahda. Il-gagga kien hadha l-imputat u kienet mghobbija fuq il-*crane*. Imbaghad spjega illi l-imputat waddbilhom il-gagga fl-art biex huma jpoggu l-affarijiet fiha. Huma dahhlu l-affarijiet gol-gagga u wara dahlu huma. Spjega illi fejn kellhom iwahhlu l-*billboard* kien gholi xi zewg sulari u nofs u ghalhekk kien hemm bzonn il-htiega tal-gagga. Spjega illi bilfors kellha tintuza l-gagga ghax b'sellum wiehed ma jintlahaqx dak l-gholi. Spjega li l-*base* fejn kien hemm il-*poster* kienet ghalqa. Il-*crane* baqa' fit-triq u ma dahalx gol-ghalqa. Fejn kien hemm il-*billboard* kien hemm *cables* tad-dawl. Spjega illi xoghol l-imputat kien illi jgholli l-gagga b'tali mod li taqbez dawna l-*cables* u mbaghad inizzel il-gagga gol-ghalqa. Gie mistoqsi jekk kemm-il darba huma u x-xufier tal-*crane* kienux tkellmu fuq din il-procedura li kellu jaddotta, u cioe' li huwa kellu jqabbez il-gagga minn fuq il-*wires* u mbaghad inizzilha fl-ghalqa, jew jekk assumiex li kien se jaghmel hekk, jghid li m'ghandux idea jekk tkellmux f'dan is-sens. Spjega illi fil-fatt hekk gara kif qal u l-gagga tnizzlet fl-ghalqa. Spjega illi hu u siehbu Stephen Azzopardi kienu qeghdin gol-gagga, huwa mbaghad qala' il-ganc tal-gagga. L-imputat imbaghad rega'

gholla l-crane, il-gagga bihom go fiha baqghet fl-ghalqa u l-imputat gibed kollox 'il barra biex jghaddi l-crane minn taht il-*cables*.

Ix-xhud zied jirrakkonta li mbaghad, wara li l-imputat ghadda l-*crane* minn taht il-*cables*, hu rega' qabbad il-holqa ghall-ganc u nnota illi l-ganc tal-*crane* ma kellux is-*safety catch*. Sostna illi fil-fatt il-ganc beda jzomm l-isfel bil-piz tal-gagga. Imbaghad l-imputat ghollihom bil-gagga lejn il-*billboard*. Lestew il-*billboard* u rega' ghamel il-procedura li nizzilhom mal-art. Ix-xhud qala' il-ganc biex l-imputat ikun jista' johrog il-*crane* ha jkun jista' jaqbez il-*cables* u huwa qabbadlu l-holqa mal-ganc. Sa fejn jaf hu Stephen Azzopardi qal lill-imputat *all right*. L-imputat beda jgholli l-*cable* bihom fil-gagga biex iqabbizhom l-*wires* tal-elettriku, beda jestendi l-*Jib* 'il barra u meta beda jaghmel hekk ma bediex jaghti *loose* lil *cable*. Qal li f'daqqa wahda ra l-ganc jahbat ma' fuq tal-*Jib*, u dana allura habat mal-busteka tieghu. F'daqqa wahda ra l-ganc idur u dak il-hin qal lil Stephen Azzopardi zomm sod ghax ha jmorru ghal isfel.

Sussegwentement spiccaw fl-art u spiccaw l-isptar. Spjega li ghalkemm huwa ra lill-*operator* tal-*crane* jimmanuvra, pero' ma qaghadx attent ghalih. Fil-hin illi huwa nnota illi kienu ha jispiccaw ghal isfel, kienu qeghdin fl-gholi aktar minn zewg sulari. Qal li konsegwenza ta' dan l-incidenti huwa sofra griehi u kien kiser saqajh it-tnejn u kiser il-*pelvis*. Zied li huwa qata' n-nervituri kollha ta' saqajh u kien dam seba' (7) gimghat l-isptar. Kif dahal l-isptar kienu ghamlulu l-hadid f'saqajh u mbaghad kienu nehhewhomlu. Kienu wkoll ghamlulu xi erba' boltijiet u issa gew imnehhija. Spjega li

kienu sarulu diversi operazzjonijiet u suppost ghandu jaghmel operazzjoni ohra.

Illi nhar l-24 ta' Jannar, 2011 rega' xehed **Ronnie Spiteri** riprodott u spjega li inkwantu ghall-incident li sehh fid-dsatax (19) ta' Frar, 2006 dan kien sehh fil-hdax (11.00) ta' filghodu.

Illi nhar it-12 ta' Mejju, 2009 xehed **Stephen Azzopardi** u spjega li fis-17 ta' Frar 2006 huwa flimkien ma' siehbu Ronnie Spiteri kienu nkarigati biex iwahhlu xi *posters* fuq *billboards*. L-ewwel post li kellhom iwahhlu kien fiz-zona ta' Santa Venera u spjega li fuq il-post kien hemm Warden biex izomm it-traffiku. Spjega illi kellhom ukoll *crane* li kien qed jigi operat minn Jason Zammit, li huwa gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Qal li huwa kien impjegat ma' Casa Limited waqt li l-crane kien ta' Roc A Go. Spjega illi s-socjeta' Casa Limited kienet tqabbad lil Roc A Go biex ifornu l-*crane*, pero' zied li din kienet l-ewwel okkazzjoni li bhala operatur tal-*crane* kellhom lill-imputat.

Kif lestew il-*billboard* ta' Santa Venera, marru San Gwann quddiem il-Knisja fejn kellhom iwahhlu t-tieni *billboard*. Spjega illi huma marru lejn San Gwann flimkien mal-istess Warden li kellhom Santa Venera, waqt li tal-*crane* mar ghal rasu. Spjega illi huma kienu li waslu l-ewwel u mbaghad gie l-*crane* misjuq mill-imputat. Spjega illi l-*crane* intrama ftit 'l isfel mill-Knisja ta' San Gwann, il-*poster* fuq il-*Billboard* kellu jitwahhal gewwa ghalqa. Il-*Billboard* li fuqu kellu

jitwahhal il-*poster* kien sitwat gewwa ghalqa liema ghalqa qeghda quddiem il-Knisja.

Spjega li l-poster li kellhom iwahhlu kien fuq *billboard* li kien imwahhal ma' hajt u mhux wiehed bl-istand. Spjega li l-imputat rama l-*crane* fuq il-post. Il-gagga giet fuq il-post fuq il-*crane* u hu w siehbu ghenu lill-imputat jirrilizja l-ganc. Il-gagga kienet qeghda fuq il-*crane*. Spjega li huma mbaghad telghu fuq il-*crane* biex jghinuh, biex l-imputat ikun jista' jqabbad il-*Jib* mal-gagga. Imbaghad l-imputat nizzel il-gagga mal-art biex huma jdahhlu l-affarijiet u jidhlu go fiha, u mbaghad ghollieha bihom go fiha.

Zied jispjega li l-imputat kellu jgholli l-gagga 'l fuq ghaliex kien hemm *wires* tad-dawl u allura l-gagga kellu jghaddiha minn fuqhom. Imbaghad l-imputat nizzilhom bil-gagga mal-art fl-ghalqa. Spjega illi bhala distanza fejn kien hemm il-*crane* u fejn kien hemm il-gagga li huma kienu qeghdin go fiha fl-ghalqa, kienet ta' inqas minn nofs l-Awla. Spjega illi kien hemm hinijiet fejn l-imputat kien jarahom bi ftit, fis-sens illi meta huma kienu qeghdin gewwa l-ghalqa u hu ried jaghmillu xi sinjal, kellu jgholli jdejh. Spjega illi l-imputat ma kellu lil hadd min jassistih u kien qieghed jidderigih hu stess. Spjega illi meta mbaghad l-imputat nizzilhom fl-ghalqa, qalghu l-ganc. L-imputat gholla l-*Jib* u ghadda l-*Jib* minn taht il-*wires*, ghal taht il-*wires* tad-dawl. Spejga illi mbaghad wara li huma nehhewlu l-ganc, l-imputat ghadda l-*Jib* minn fuq il-*wires* biex imbaghad huwa jkun jista' jghaddihom minn taht il-*wires*.

Wara li ghamel hekk, ghaddielhom il-ganc u huma wahhluh mal-holqa u mbaghad l-imputat ghollihom ’il fuq lejn il-*billboard*. Huma wahhlu l-*poster* u l-imputat nizzilhom fl-art fl-ghalqa u qalghu il-ganc. U mbaghad hareg il-*Jib* li kien qieghed taht il-*wires* tal-elettriku. Imbaghad l-imputat gholla l-*Jib* minn fuq il-*wires* biex wara jkun jista’ jgholli lilhom bil-gagga. Gie mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim bil-kliem dwar il-procedura li kellha tigi addottata, spjega illi hu ma jafx illi kien hemm xi ftehim bil-kliem biex tigi adottata dik il-procedura.

Cahad li f’xi hin qal lill-imputat biex jahdem b’dan il-mod. Kompla jirrakkonta illi l-imputat imbaghad tella’ l-*Jib* minn fuq il-*wires* tal-elettriku, huma qabbdu l-holqa u hu ghamel is-sinjal lill-imputat biex itella’ halli jkunu jistghu johorgu mill-ghalqa bil-gagga w jitilqu. Zied jgid li huma u telghin bil-gagga ’l fuq huwa seta’ jara lill-imputat u fil-fatt rah jimmanigja l-*crane*. Gie mistoqsi jekk dak il-hin oltre jimmanigja l-*crane* l-imputat kienx qed jaghmel xi haga partikolari spjega illi ma jiftakarx. Jaf li hin minnhom sema’ lil siehbu Ronnie Spiteri jghidlu zomm sew ghax nezlin.

Qal ukoll li dak il-hin innota li l-imputat kellu t-*telecell* f’idejh, anzi. ma’ widnejh u ra li kien qed jitkellem b’ton irrabjat. Spjega li kien fil-hin illi huma kienu nezlin bil-gagga, fis-sens li kienu qeghdin jaqghu ghal mal-art illi nnota illi l-ganc tal-*crane* ma kellux is-*safety catch*. Zied jispjega li waqt li kienu nezlin, hares ‘il fuq u nnota illi l-ganc ma kellux *safety catch* u wkoll li sema’ lil Ronnie Spiteri jghajjat lid-

*driver* “ieqaf, ieqaf tkomplix ittella’” u fl-istess hin Ronnie Spiteri qallu “zomm sew ghax ser jaqghu”.

Imbaghad zied jghid illi l-ganc ma kellux is-*safety catch* qabel ma bdew jaqghu ’l isfel. Xtaq jghid illi hin minnhom huwa l-ganc rah, u li kif gholla ’l fuq dar lura u harget il-holqa. Imbaghad hu u siehbu spiccaw mal-art waqt li kienu ghadhom gol-gagga. Waqghu vicin tac-cint ezatt. Ix-xhud qal li huwa ittiehed l-isptar fejn kellu ksur ta’ idejh tan-naha tal-lemin li kienet spiccat imdendla. Qal li fil-fatt kien hemm ragel li beda jzommlu jdejh biex ma jitlifhiex, kellu ksur tal-*pelvis* u wkoll kellu ksur f’saqajh t-tnejn. Spjega li hu kellu jaghmel operazzjonijiet u kellu wkoll emorogija nterna.

Illi nhar id-29 ta’ Settembru, 2009 rega’ xehed **Stephen Azzopardi** in kontinwazzjoni u kkonferma x-xhieda tieghu precedenti. Ix-*schedule* tax-xoghol inkluz ta’ dakinhar meta sehh l-incident, kien inghata minn Jason Zammit u Pawlu Zammit u dawn ghan-nom tal-Casa Limited. Spjega li meta jkun hemm htiega li jintuza xi makkinarju ghal xoghol partikulari, Jason Zammit u Pawlu Zammit kienu jordnaw lil Ronnie Spiteri biex jikkuntatja lil Rock A Go biex ifornu l-makkinarju necessarju. Sostna li din dejjem kienet il-procedura biex jutilizzaw makkinarju. Spjega li min jopera l-apparat ma kienux ikunu dejjem l-istess persuni, izda fil-bicca l-kbira tal-kazijiet il-persuni li kienu jhaddmu l-makkinarju kienu jkunu t-tfal tal-propjetarju tar-Rock A Go. F’kazijiet meta r-Rock A Go ma setax jaqdihom kienu jhassru x-xoghol u jipposponuh ghal darb’ ohra. Inkwantu d-data tal-incident

mertu ta' din il-kawza l-imputat Jason Zammit kien gie bil-*crane* u kien qabbdu tar- Roc A Go.

Huwa jaf li Ronnie Spiteri f'din l-okkazjoni kkuntattja lil Roc A Go u kien mar Jason Zammit l-imputat bil-*crane*. Spjega illi l-*crane* kien ta' Roc A Go u dan jafu ghaliex kien hemm miktub Roc A Go fuq il-genb, izda inkwantu ghall-imputat Jason Zammit huwa ma jafx jekk hux impjegat ma' Rock A Go. Fuq domanda li saritlu jekk l-istess *crane* illi gie utilizzat fl-okkazjoni tal-incident mertu ta' din il-kawza qattx intuza qabel ghal dan it-tip ta' xoghol, ix-xhud wiegeb li mhuwiex f'posizzjoni illi jirrispondi anke peress li huwa kien ilu jahdem f'dan ix-xoghol xi xahar jew xahrejn biss. Stqarr li huwa ma nghata l-ebda *training* biex jaghmel dan ix-xoghol u lanqas qatt ma gie mistoqsi jekk jibzax mill-gholi. Zied li qabel ma kienx jibza' mill-gholi, pero' issa iva. Qal ukoll illi lilu hadd qatt ma kien qallu illi kellu bzonn apparat tas-*safety* biex jaghmel dan ix-xoghol.

Kompla jirrakkonta li fil-hin li sema' lil Ronnie Spiteri jghid 'zomm sew ghaliex nezlin ghal isfel', huwa zamm b'zewg (2) idejn mal-hadid tal-gagga, beda jhares 'l isfel u dak il-hin ra lill-imputat Jason Zammit bil-*mobile* ma' widnejh. Spjega illi fil-pozizzjoni li kien fiha hu kellu l-*billboard* li kien qieghed vicin cint ta' ghalqa fuq in-naha tax-xellug tieghu, il-*crane* kien qieghed ukoll fuq in-naha tax-xellug tieghu, waqt li fuq in-naha tal-lemin tieghu mbaghad kien hemm il-knisja. Il-kabina tal-*crane* kienet fuq in-naha tal-lemin tieghu u l-operatur tal-*crane* kien qieghed gol-kabina. Stqarr li t-tip ta' gagga li wzaw dakinhar tal-incident kien uza bhalu qabel.

Illi nhar it-2 ta' Marzu, 2010 xehed **Brian Farrugia** ghan-nom tal-Awtorita' tat-Trasport Malta TM u spjega li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li Jason Zammit bil-karta ta' identita numru 557874M li twieled fit-22 ta' Novembru, tas-sena 1974 ghandu licenzja ta' Kategorija B kif ukoll ta' Kategorija C . Qal illi dawna z-zewg licenzji huma validi sat-22 ta' Novembru, 2014 u li fid-data tas-17 ta' Frar, 2006 dawna z-zewg licenzji kienu wkoll validi. Spjega li hu ukoll gie mitlub biex jaghmel verifiki dwar fuq min kien registrat il-*crane* numru ta' registrazzjoni DAA- 574, u kkonferma li fis-17 ta' Frar, 2006 il-crane kien registrat f' isem Victor Micallef karta ta' identita numru 940547M. Spjega illi l-licenzja ta' Kategorija C bhalma kellu Jason Zammit, tkopri s-sewqan ta' *Crane* li ghadu kif ghamel referenza ghalih.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontroezami qal li l-*crane* huwa registrat f'isem Victor Micallef personalment fl-indirizz tal-Kumpanija Roc A Go, Tal-Barrani Road, Zejtun.

Illi nhar it-2 ta' Marzu, 2010 xehdet **Jennifer Debono** in rapprezentanza tal-ETC. Hija esebiet bhala Dok. JDC 1 l-*employment history* ta' Jason Zammit karta ta' identita numru 557874M. Spjegat illi skont dan id-dokument l-imsemmi Jason Zammit kien jahdem bhala *driver* tal-*cranes* mar-Roc A Go Services bejn il-perjodu tas-6 ta' Frar, 2006 sal-24 ta' Frar, 2006.

Illi nhar l-24 ta' Jannar, 2011 xehed **Carmelo Abdilla** u spjega li fi Frar, 2006 huwa kien ghadu Spettur tal-Pulizija. Muri d-dokument Dok. BCP 1 li jinsab minn fol. 27 sa fol. 31 tal-atti, kkonferma li din hija l-istqarrija tal-imputat Jason Zammit li gharaf prezenti fl-Awla, liema stqarrija ggib id-data tas-sbatax (17) ta' Frar, 2006. Ikkonferma li l-imputat kien inghata t-twissija skond il-ligi. Ikkonferma ukoll li l-imputat irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC 1022 J. Cutajar u kif ukoll ta' l-imputat Jason Zammit li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Muri r-rapport li huwa pprezenta fid-dsatax (19) ta' Frar, 2006 lill-allura Magistrat tal-ghassa Dr. Abigail Lofaro li jinsab a fol. 6 u 7 tal-Proces Verbal, markat bhala Dok. RB , ikkonferma li dan huwa r-rapport tieghu li hu ghamel lill-imsemmija Magistrat u fuqu gharaf il-firma tieghu.

Illi nhar l-24 ta' Jannar, 2011 rega' xehed l-**Ispettur Bernard C. Spiteri** u esebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet **il-Pulizija Spettur Abraham Zammit vs Jason Zammit** u dina l-vera kopja fotostatika tal-original ta' sentenza qieghda tigi mmarkata bhala Dok. MSP 1. Esebixxa ukoll bhala Dok. MSP 2 vera kopja fotostatika tal-original ta' sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Antonio Mizzi, **fl-ismijiet il-Pulizija Spettur Jason Agius vs Jason Zammit**, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 1974 u Joseph Zammit iben Anthony, imwieled Pieta' fit-tletin (30) ta'

Awwissu, elf, disgha mija, tlieta u tmenin (1983) liema Sentenza ggib id-data tas-sitta (6) ta' Gunju, elfejn u tnejn (2002). Esebixxa bhala Dok. MSP 3 vera kopja fotostatika tal-original ta' sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-allura Magistrat Dr. Jacqueline Padovani fit-tnejn (2) ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet **il-Pulizija, Spettur Gaetano Walker vs Noel Attard u Jason Zammit.**

**Vincent Attard** Senior Manager Engineering mal-OHSA xehed fl-atti tal-inkjesta li kien mar fuq il-post tal-incident u ra crane fit-triq bil-Jib mgholli u gaga fl-ghalqa. Dik kellha parti maqtugha. Jghid li il-haddiema ma kellhomx *safety harness* u ma rax *helmets*.

**Charles Micallef** Principal Occupational Health & Safety Officer xehed fis-17 ta' Frar 2006 fl-atti tal-inkjesta u kkonferma li kien mar fuq il-post tal-incident fejn kien sab crane armat fit-triq u gagga li kellha l-frame maqtugh fl-ghalqa. Il-ganc tal-pastiga ma kellhux safety catch.

Fl-inkjesta kien gie nominat **Dr. Mario Scerri** sabiex jezamina liz-zewg vittmi u kien ipprezenta ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat tal-Ghassa nhar il-31 t'Awissu 2006 u kien ikkonkluda li Stephen Azzopardi u Ronnie Spiteri kienu garrbu griehu kompatibbli ma' *blunt trauma* kompatibbli ma' tisbita. Jghid li l-griehi fuq Azzopardi u Spiteri kienu ta' natura gravi.

Il-**Perit Richard Aquilina** xehed fl-atti tal-inkjesta u kkonferma ir-relazzjoni tieghu li kien ipprezenta in segwitu' tan-nomina tieghu u

kkonferma li meta l-gagga kienet isfel u kienet qed tigi iggancjata din ma kienitx vizibbli ghal tal-crane. Jghid li l-ganc tal-pastiga ma kellux *safety catch (lock)*.

**PC 404 Paul Camilleri** ipprezenta r-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta u dan nhar id-29 ta' Awwissu 2006 u pprezenta numru ta' ritratti relevanti ghall-incident mertu tal-kawza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mir-rapprezentant tal-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol datata 19 ta' Lulju, 2016.

Rat ix-xhieda moghtija mill-imputat **Jason Zammit** fl-atti tal-inkjesta quddiem il-Perit Tekniku Richard Aquilina ( fol. 41 ta l-inkjesta). Illi minkejja li din ix-xhieda ma gietx konfermata fil-kumpilazzjoni xorta ser tigi kunsidrata fl-ezami tal-provi ta' din l-istess kawza. Huwa spjega illi dakinhar tal-incident u cioe' fis-17 ta' Frar 2006 kien dahal ghax-xoghol fis-7.00 a.m. mar go Psaila Street B'kara fejn zewg impjegati ta' Paza Limited wahhlu l-posters. Ix-xoghol sar minn go gagga sospiza ma' crane. Wara dan huma marru fejn l-Universita' u wara go San Gwann, faccata tal-knisja. Hemm hu rama il-crane fit-triq, ghadda il-Jib minn taht il-wire tad-dawl u tella' z-zewg haddiema fil-gagga.

Spjega illi wara li wahhlu l-posters hu qalilhom li kien ser inizzilhom fuq il-hamrija, hemm huma jaqilghu il-gagga u wara hu kien ser ibiddel il-posizzjoni tal-Jib bix itellaghhom minn fuq il-wire. Huma

ghamlulu sinjal biex inizzel il-cable ghax fejn kienu huma hu seta' jara biss is-sinjal. Huma qabbdu il-gagga u kif il-gagga telghet xi sular u nofs din waqghet. Kif ra dan hu cempel ghall-ambulanza ghax it-tnejn bdew jghidu li kienu weggghu. Wara marru l-pulizija, ambulanza u tal-Protezzjoni Civili li qatghu il-genb tal-gagga biex johorgu lil dawn it-tnejn min-nies.

Jinghad pero' li din ix-xhieda m'ghandhiex mis-sewwa sal-ahhar u dan ghaliex mhux minnu li l-gagga waqghet wahedha bla manuvra min-naha tieghu u ghalhelhekk dak li qalu l-vittmi li l-gagga zgancjat ruhha meta habtet mal-hajt u inqalghet ghax ma kienx hemm *safety catch* jaghmel aktar sens fic-cirostanzi. In oltre dwar l-allegazzjoni li huwa kien fuq it-telefon meta kien qed jopera l-crane ma jghid xejn u lanqas jichad din l-allegazzjoni. Fuq is-safety equipment ukoll ma jghid xejn.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' Jason Zammit (K.I. 557874(M)) datata 5 ta' Ottubru, 2016.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2016 meta talbu lil din il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi *in breve* l-incident mertu tal-kawza sehh meta l-imputat li kien qed jopera crane nahr is-17 ta' Frar 2006 tella' tnejn min-nies u cioe' lil

Stephen Azzopardi u Ronnie Spiteri, f'gagga gholi ta' madwar tlett sulari, bil-ghan li jbiddlu poster li kien hemm imwahhal ma' hajt, kif muri fir-ritratti esebiti fl-inkjesta. Jirrizulta pero' li f'hin minnhom, waqt li l-imputat kien fuq il-*mobile phone* tieghu, il-gagga waslet hdejn id-destinazzjoni taghha u habtet ma' tarf il-hajt fl-gholi ta' madwar tliet sulari u b'rizultat tal-habta il-gagga inqalghet minn postha, zgancjat ruhha u bhala rizultat il-pastiga habtet ma' fuq u l-gagga nqalghet minn gol-ganc u waqghet mal-art u z-zewg haddiema li kienu go fiha korrew gravi, kif deskritt minn Dr. Mario Scerri.

Minn investigazzjoni li saret fuq il-post jirrizulta li l-crane ma kellux *audible device* li jindika lill-operatur tal-crane meta il-gagga tkun waslet 'il fuq u lanqas ma kellu *safety catch* biex jassikura li l-gagga ta' mal-crane ma tinhallx, u dan minkejja li l-crane kien qed jintuza ghall-garr tan-nies. Jirrizulta wkoll minn dak li xehdet ix-xhud Jennifer Debono, li l-imputat li kien il-*crane operator* dakinhar tal-incident, kien ilu jahdem mas-socjeta' Roc A Go bhala *crane operator* ghal hdax-il jum biss stante li kien beda dan l-impjieg fis-6 ta' Frar 2006, u b'hekk jista' jinghad bla tlaqliq li l-esperjenza tieghu ta' *crane operator* kienet *de minimis* jekk mhux inezistenti. Jirrizulta wkoll li l-crane ma kienx gie spezzjonat minn Ingineer qabel ma sehh l-incident.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila u arti fil-professjoni tieghu kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Stephen Azzopardi u Ronnie Spiteri u dan waqt li kien qed jopera *crane* f'San Gwann nhar is-17 ta' Frar 2006.

Issa b'referenza ghall-akkuza principali moghtija mill-Prosekuzzjoni, l-Qorti trid tara x'inhuma l-obbligi tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat. Ir-risposta tohrog mil-ligi u senjatament mill-**Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9**. Dan jimporta illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dan odjern li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz ir-regolamenti tal-Health & Safety.

**L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar feriti involontarji bl-applikazzjoni tal-Artikolu 226 tal-istess Kap jghid hekk:

"*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, .......*".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju (u konsegwentment anke fil-kaz ta' feriti ta' natura gravi), hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita` minn akkadut dannuz involontarju*".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, *"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo,** fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"*… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali*".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b'"*leggerezza*" jew "*sconsideratezza*" u kif jghid **Antolisei,**

"*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*"

U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano:

"*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela*."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg** et, fuq citata inghad illi:

"*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".

Skond l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma*

*huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vehicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care –whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*"

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Issa kif jispjega l-gurista **Francesco Carfora**[1] jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero' l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva ndiretta.

Illi m'hemmx dubju li l-imputat gie akkuzat b'att kolpuz u cioe' li kkaguna feriti ta' natura gravi nvolontarjament minhabba kulpa. Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu

[1] *Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775.*

jezisti bejn l-att u r-rizultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri** per Imhallef Harding li:

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite (sottolinear ta' din il-Qorti) for responsibility to exist.*"

Fil-fatt ikompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu **Commentario al Codice Penale Italiano** (Vol III, 1622, pg. 286***)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Frar 1958, fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**, gie ritenut li:

"*…Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta' tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief id-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista' ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

Din it-tip t'operazzjoni hekk perikoluza ghalhekk ma tistax issir minghajr ma jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u certament qabel ma jigi certifikat il-*crane* mill-inginiera awtorizzati. Hemm responsabbilta' enormi fl-operazzjoni ta' dawn it-tipi ta' *cranes* li jgorru in-nies f'gagga ghad-detriment tas-sahha taghhom u ma tistax tigi skarikata bis-semplici fatt li min ikun responsabbli jghid li l-incident ma sehhx minhabba nuqqas ta' *safety catch* izda ghaliex kien accident sfortunat, u dan billi seta' jipprevedi li n-nies setghu jaqghu una volta l-gagga tigi zgancjata. Huwa necessarju li l-crane ikun certifikat biex jigi accertat li *kull parti* tieghu tkun *operational and safe*, u jekk hemm bzonn, fil-kaz ta' partijiet vitali bhal ma hu s-*safety catch* in kwistjoni, jivverifika dan b'mezzi teknologici moderni disponibbli.

Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza li filfatt kien hemm kontributorjeta' mill-vittmi, u dan ghaliex ir-responsabilita' li jara li l-

*crane* ikun *fully functional* hija tal-operatur. Jghid ukoll l-avukat difensur tal-imputat li l-fatt li l-vittma ma kinux libsin *harness* ikkontribwixxa ghall-feriti li sofrew. Jinghad li effettivament ir-raguni 'l ghala il-gagga zgancjat ruhha kien il-ghaliex ma kienx hemm *safety catch* u dan kien il-kawza tal-incident, u ghalhekk minkejja li kien hazin li l-vittmi ma kelhomx *safety harness*, dan ma jfissirx li kien il-kagun tal-incident. In oltre jirrizulta wkol li l-*crane operator* kien fuq it-telefon waqt li kien qed jaghmel manuvra delikata bhal din, li jtella' tnejn min-nies go gagga, u ghalhekk kien traskurat ukoll f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' ta' persuni li setghu jigu affettwati bix-xoghol li kien qed jahmel u li naqas li jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku u korriment fuq il-post tax-xoghol kif ukoll li naqas li jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragjonevolment prattiku.

Illi l-**Artikolu 6 tal-Kap. 424** jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bbazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu:-

- li jigi evitat kull riskju;
- l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol;
- l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;

- l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; w
- li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .

Il-Qorti taghmel referenza ghat-Tielet Skeda li hemm fl-**Avviz Legali 27/2000** u appuntu ghall-**Artikolu 7(1)** li jipprovdi obbligu fuq haddiem li jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta' ta' dawk il-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed jaghmel. M'hemmx dubbju li dak li kien qed jaghmel l-imputat kien jaffettwa lill-imputati u dan ghaliex bil-manuvri tal-*crane* l-imputati setghu ikunu vittmi ta' incident, kif del resto sehh. Il-vittmi spiccaw mal-art bil-gagga zgancjata minhabba n-negligenza tal-imputat li kien fuq it-telefon waqt li qed jopera l-crane u li ma tax kaz meta il-jib wasal hdejn il-hajt, tant li ta skoss lill-gagga u din zgancjat ruhha u bhala rizultat il-vittmi spiccaw mal-art f'ghalqa. Ghalhekk din it-tieni akkuza tirrizulta provata fl-intier taghha.

Fi-tielet lok l-imputat gie akkuzat b'dak dispost fl-**Artikolu 15 tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003** hawn isfel rapportat:

***15.*** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew xoghol tieghu skond it-tahrig; u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(i)* *jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*

*(ii)* *jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*

*(iii)* *ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(iv)* *jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*

*(v)* *jikkoopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet impost mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*

(vi) *jikkoopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kundizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam tal-attività taghhom.*

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li effettivament l-imputat kiser dawn id-disposizzjonijiet meta ma hax hsieb li jkun hemm *safety latch*, meta ma insistiex mal-haddiema li jilbsu *safety harnesses* u meta ra li ma kienx hemm *audible device* imwahhal u *di piu'* meta opera il-crane wqt li kien fuq it-telefon. Ghalhekk din it-tielet akkuza tirrizulta wkoll provata.

Il-Qorti tara li l-imputat ma jistax jahrab mir-responsabbilta' tieghu li ma ipprevenix l-incident billi ma hax il-prekawzjonijiet adegwati li kellu jiehu fic-cirkostanzi.

Fir-raba' lok l-imputat gie akkuzat talli huwa recidiv. Il-Qorti rat li esebiti fl-atti hemm tliet (3) sentenzi (fol. 72 *et seq*) li nghataw fil-konfront tal-imputat fejn instab hati ta' diversi serqiet aggravati, talli ikkaguna feriti ta' natura hafifa, talli ingurja u hedded persuni fejn anke inghata sentenzi ta' prigunerija u ghalhekk din l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll provata.

Ai fini ta' piena il-Qorti rat li l-imputat ghandu kondotta reflettarja b'divesi reati registrati fuqha, l-ahhar wiehed fis-6 ta' Novembru 2011 u rat ukoll li l-feriti li sofrew il-vittmi kienu ta' natura gravi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax ma tqisx dan il-kaz bhala wiehed serju.

**Din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 226(1) u 289 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att 27/2000 tal-Kapitolu 24 u l-Artikolu 15 (1 (2) (i) (ii) (iii) (iv) (v) (vi) tal-Avviz Legali 36/2003, tiddikjara li <u>qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u ghaldaqstant qed tikkundannah multa komplessiva ta'</u>**

**hamest elef Ewro (€5,000) u in oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' esperti fl-atti tal-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez fuq imsemmija.

-------------------------------------------------------------------

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**